



Ġabra tal-ġurisprudenza

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Id-Disa' Awla) tat-8 ta' Ottubru 2014 — Laboratoires Polive vs UASI – Arbora & Ausonia (DODIE)

(Kawża T-77/13)

“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali DODIE — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti DODOT — Raġuni relattiva għal rifjut — Assenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Setgħa ta' bidla”

1. *Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Oppożizzjoni mill-proprjetarju ta' trade mark preċedenti identika jew li tixxiebah irreġistrata għal prodotti jew servizzi identiċi jew li jixxiebhu — Probabbiltà ta' konfużjoni mat-trade mark preċedenti — Kriterji ta' evalwazzjoni (Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, Artikolu 8(1)(b)) (ara l-punti 18, 19, 46)*
2. *Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Oppożizzjoni mill-proprjetarju ta' trade mark preċedenti identika jew li tixxiebah irreġistrata għal prodotti jew servizzi identiċi jew li jixxiebhu — Probabbiltà ta' konfużjoni mat-trade mark preċedenti — Trade marks verbali DODIE u DODOT (Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, Artikolu 8(1)(b)) (ara l-punti 22, 26-29, 45, 49)*
3. *Trade mark Komunitarja — Proċedura għat-tressiq ta' kawża — Kawża mressqa quddiem il-qorti tal-Unjoni — Possibbiltà li l-Qorti Ġenerali tirrifirma d-deċiżjoni kkontestata — Limiti (Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, Artikolu 65(3)) (ara l-punt 62)*

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tal-31 ta' Ottubru 2012 (Każ R 1949/2011-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Arbora & Ausonia, SLU u Laboratoires Polive.

Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), tal-31 ta' Ottubru 2012 (Każ R 1949/2011-2), hija annullata.
- 2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- 3) L-UASI għandu jbati l-ispejjeż rispettivi tiegħu kif ukoll dawk sostnuti minn Laboratoires Polive.
- 4) Arbora & Ausonia, SLU għandha tbat l-ispejjeż rispettivi tagħha.